MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Mandat Numru. 64/2013/1

**Joseph Demicoli u Pawlu Piscopo**
**ghan-nom ta’ l-Ghaqda Koperattiva tas-Sajd**

**vs**
**Angelic Mifsud, fil-kummerc, bin**
**Carmelo u Emmanuel sive Lilian nata Galea,**
**imwieled Sliema u residenti Denci sive**
**Dentici, Triq l-Imriekeb, Marsascala**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni li sar fis-16 ta’ Jannar 2013;

Rat li t-talba intlaqghet provvizorjament fis-16 ta’ Jannar 2013;

Rat ir-risposta tal-intimat tat-18 ta’ Jannar 2013;

Rat l-atti kollha, u semghet it-trattazzjoni tad-difensur tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**
Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti, ai termini tal-artikolu 874(1) tal-Kap. 12 qed jitlob li l-intimat jigi inibit milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi minn proprjeta immobbli billi qed jigi allegat li l-istess Ghaqda rikorrenti ghandha kreidtu favur taghha ta’ €148,500 u li dwaru giet intavolata kawza kontra l-istess intimat personalment u in rapprezentanza tas-socjeta Lambusa Maritime Limited (Rik. Gur. 72/12).

L-intimat ressaq diversi oppozizzjonijiet ghal hrug tal-imsemmi mandat fosthom in-nullita tar-rikors ghax ma gewx inkluzi d-dettalji necessarji stipulati fl-artikolu 874(2) ghal hrug tal-mandat, l-eccessivita tal-amont mitlub u n-nuqqas ta’ fondatezza taghhom kif ukoll illi n-negozju mal-Ghaqda rikorrenti dejjem sar mis-socjeta Lambusa Maritime Limited.

In kwantu ghall-aggravju illi l-mandat hu nieqes mid-dettalji necessarji ghall-hrug tieghu, jirrizulta illi fil-fatt l-intimat hu indikat biss b’ismu u kunjomu u l-karta tal-

identita. Ghalkemm hu identifikabbli pero dan mhux bizzejjed biex, jekk il-mandat jigi akkolt, jigi registrat il-mandat in kwistjoni skond il-ligi. Pero l-Qorti ikkoncediet lir-rikorrenti jzidu d-dettalji b’nota billi tali zieda ma kienet ser tbiddel xejn mit-talba u l-eccezzjonijiet fil-mertu u l-korrezzjoni kienet ghadha fi zmien utili li ssir. Hekk fil-fatt gara u b’nota tar-rikorrenti gew mizjuda d-dettalji tal-intimat.

In kwantu ghall-aggravju dwar il-persuna li maghha sar in-negozju, jirrizulta mid-dokumenti esebiti mar-risposta tal-intimat illi saru diversi hlasijiet u inhargu diversi recevuti mill-Ghaqda rikorrenti lis-socjeta Lambusa Maritime Limited u qatt lill-intimat personalment. Ittra legali mibghuta fl-14 ta’ Dicembru 2010 hi indirizzata lill-Ghaqda rikorrenti mis-socjeta Lambusa Maritime Company Limited. Isem l-intimat fil-vesti personali ma jidhirx. Pero fis-seduta tat-30 ta’ Jannar 2013 quddiem il-Qorti, gie esebit il-kuntratt bejn il-kontendenti fejn jidher car illi n-negozju sar mill-intimat f’ismu kif ukoll f’isem is-socjeta Lambusa Maritime Limited.

Ir-rikorrenti qed jallegaw illi skond it-termini tal-kuntratt huma kredituri tal-intimat fis-somma indikata fir-rikors liema talba tressqet b’kawza quddiem il-Qorti. Ghalkemm l-ammont qed jigi oppost mill-intimat, f’dan l-istadju l-Qorti tqis biss id-dritt prima facie li jirrizulta mill-fatt stess li nfethet kawza ghall-ammont.

L-intimat jikkontendi illi hemm proprjeta mobbli, konsistenti f’attrezzaturi tal-kumpanija li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-ammont allegatament pretiz u fil-fatt giet prezentata stima tal-istess. Pero l-Qorti tqis illi l-mandat mhux isir kontra l-kumpanija li ghandha assi mobbli izda kontra l-intimat personalment li mill-atti jirrizulta li l-proprjeta immobbli in kwistjoni hi l-uniku assi li ghandu u jekk jiddisponi minnha r-rikorrenti jistghu jsofru pregudizzju irrimedjabbli, specjalment jekk dan isir b’mod gratwitu. Inoltre qari tal-istess kuntratt bejn il-partijiet juri illi l-attrezzaturi tal-fond kienu proprjeta tar-rikorrent salv xi zidiet li seta’ ghamel l-intimat. Ma ngiebet ebda prova anqas mill-intimat illi l-

ammont mitlub ma jiggustifikax il-hrug tal-mandat fuq l-immobbli tenut kont tal-valur ta' immobbli llum il-gurnata.

**Decide**

Ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti qed tilqa' t-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fuq il-proprjeta msemmija fl-istess mandat. L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------